MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Avviz Numru. 286/2010

**Grand Hotel Excelsior Limited (C 12837)**

**Vs**

**Micra Events & Services Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' hdax il-elf sitta u tletin ewro (€11,036) skond rendikont anness u mmarkat mal-avviz bhala Dok A ghall-akkommodazzjoni u servizzi provduti fil-lunkanda Grand Hotel Excelsior moghtija kollha fuq l-inkarigu u struzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta. Dan kollu jista jigi pruvat mill-esponenti waqt it-trattazzjoni tal-kawza permezz ta' 'emails' skambjati bejn is-socjeta' konvenuta u l-esponenti partikolarment ghal 'email' tas-socjeta' konvenuta tat-28 ta' Mejju 2009 li permezz taghha qed jigi ammess mis-socjeta' konvenuta illi l-ammont

huwa cert, likwidu u dovut (Dok B), bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-fatturi sal-hlas effettiv u kif ukoll bl-ispejjez legali kollha inkluzi ukoll dawk tal-ittri mibghuta fit-28 ta’ Awissu 2009, 4 ta’ Settembru 2009, 10 ta’ Marzu 2010 u ittra ufficjali numru 5550/2009 tal-14 ta’ Ottubru 2009.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx fid-29 ta' Settembru 2010 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ €11,036 (hdax il-elf sitta u tletin ewro) bl-imghax kummercjali ‘a scaletta’ mid-data ta’ kull fattura risultanti bhala data mill-anness ‘Dok A’ sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri tat-28 ta’ Awissu 2009, tal-4 ta’ Settembru 2010 u tal-10 ta’ Marzu 2010 kif ukoll dik ufficjali numru 5550/2009 presentata fl-14 ta’ Ottubru 2009.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------